**Laqgha Numru 14/K7/2013**

**Introduzzjoni**

L-Erbatax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Kien prezenti wkoll l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kif ukoll, fuq talba tal-Kunsill, l-Accountant tal-Kunsill Ms. Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-5 ta' Novembru 2013. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 12/K7/2013.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 12/K7/2013.**
3. **Approvazzjoni tal-Minuti 13/K7/2013.**
4. **Punti li johorgu mill-Minuti 13/K7/2013.**
5. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
7. **Mistoqsijiet.**
8. **Korrispondenza.**
9. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
10. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
11. **Diskussjoni - Rapport Finanzjarju Qtr 3 – Lulju sa Settembru 2013.**
12. **Kwotazzjoni 18 u 19/2013.**
13. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
14. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K7/2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K7/2013 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 11 tigi diskussa qabel il-kumplament ta' l-agenda.

1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Diskussjoni - Rapport Finanzjarju Qtr 3 – Lulju sa Settembru 2013.

11.01. Is-Sindku Dean Hili, fil-prezenza ta' l-Accountant Romina Perici Ferrante staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk kienx hemm xi mistoqsijiet dwar ir-rapport finanzjarju ghall-perjodu Lulju sa Settembru 2013 li kien approvat fil-laqgha precedenti.

11.02. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili rringrazzja lill-Accountant u talabha tirtira.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K7/2013.

2.01. B'referenza ghall-**Minuti 08/K7/2013 item 12.10** fejn il-Kunsillier Charles Cesare kien ppropona li l-Kunsill ghandu jara kif jerga' jinstalla l-information panels li kien hemm f'Pembroke Battery, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kien sar komunikat (permezz ta' Facebook) mal-Perit Claude Borg li kien responsabbli mill-progett, u fil-prezent il-Kunsill qed jistenna risposta minghandu dwar jekk ghandux xi drawings relatata li jista' jaghmel uzu minnhom il-Kunsill.

2.02. B'referenza ghall-**Minuti 10/K7/2013 item 6.10** fejn wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili kien ippropona li jigu ordnata tabelli ta' speed limit u tabelli suq bil-mod biex jehlu fi Triq il-Mediterran fil-parti ta' bejn Triq il-Fortizza u Triq G. Henin, kif ukoll kien irrakkomanda li l-Kunsill jikseb aktar informazzjoni dwar l-installazzjoni ta' CCTV, speed cameras u speed sensors inkluz li dan is-suggett ghandu jerga' jigi diskuss aktar il-quddiem, is-Sindku Dean Hili rrimarka li kien jidher li l-maggor parti tar-residenti kienu opponew ghall-proposta tar-road humps. Il-kelliem fakkar li fil-jiem li ghaddew twahhlu t-tabelli bl-indikazzjoni ta' Speed Limits kif ukoll ta' Suq bil-mod, apparti l-fatt li l-Kunsill qed jistenna risposta minghand ir-Regjun dwar l-installazzjoni ta' speed camera, wara li dawn suppost applikaw ma' TM.

2.03. B'referenza ghall-**Minuti 10/K7/2013 item 12.04** fejn is-Sindku Dean Hili kien ippropona li tintbaghat ittra fid-djar dwar l-inizjattiva li jitwaqqaf Sotto Kumitat ghaz-zghazagh, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din il-proposta ghadha fil-hsibijiet tal-Kunsill u fil-granet li gejjien il-Kunsill ghandu jiccirkola ittra fid-djar sabiex jikkomunika l-ideat tieghu lir-residenti.

2.04. B'riferenza ghall-**Minuti 10/K7/2013 item 12.07** fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li tintbaghat ittra fid-djar dwar l-inizjattiva li jitwaqqaf Sotto Kumitat dwar il-Harsien ta' l-Annimali, is-Sindku Dean Hili talab li s-sinjura Evelyn Vella Brincat ghandha tifformola l-ideat taghha u tikkomunikahom lill-Kunsill sabiex minnufih ikunu jistghu jittiehdu l-mizuri necessarji.

2.05. B'referenza ghall-**Minuti 11/K7/2013 item 11.12** fejn il-Kunsillier Charles Cesare kien issekonda proposta u zied li fir-roundabout ghandha tithawwel sigra kbira bhala ornament kif ukoll biex tizzejjen fi zmien il-Milied, is-Sindku Dean Hili rrakkomanda li l-Kunsill jaghmel it-talba tieghu b'mod formali lill-kuntrattur ikkoncernat.

2.06. B'referenza ghall-**Minuti 12/K7/2013 item 3.12** fejn is-Sindku Dean Hili ppropona li dwar Tender 11/2011 for Professional Services of Contracts Manager, ghandu jerga' jigi diskuss fil-laqgha li jmiss, is-Sindku Dean Hili talab lill-Kunsilliera jghaddu l-kummenti taghhom.

2.07. Wara diskussjoni li saret, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-kuntratt ezistenti tal-CM referenza 11/2011 ghandu jigi mgedded sa l-ahhar ta' Jannar 2013 u fil-frattant jinhareg kuntratt gdid fejn il-Kunsill jiddeciedi l-ammont li lest li jhallas il-Kunsill fix-xahar ghandu jkun ta' €450.00 inkluz il-VAT u l-kompetizzjoni ghandha tkun abbazi tal-hinijiet offruta u kundizzjonijiet ohra tax-xoghol. Id-dokument ta' l-offerta ghandu jkun ta' €50.00 il-wiehed u l-offerti ghandhom jigu ppubblikata fil-Gazetta tal-Gvern, Malta Independent Daily, Kulhadd u l-Mument.

2.08. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

2.09. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Mark Causon ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Charles Cesare vvutaw favur il-proposta izda kontra l-mizata ta' tender minhabba li l-mizata hija ezorbitanti u ma tirriflettix il-valur ta' tender.

2.10. Il-mozzjoni ghaddiet.

2.11. B'referenza ghall-**Minuti 12/K7/2013 item 10.06** fejn is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-offerta 17/2013 – Local Council Meetings Online Streaming ghandha tinghata lill-kumpanija AID abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza u ghalhekk kien ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni, is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-approvazzjoni tad-Dipartment ghall-Gvern Lokali qabel issir l-installazzjoni.

46/5420/13/I **02/10/2013** — Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill ghal dawl gdid fi Triq Martin Luther King gie approvat u talbu sabiex nibghatu l-formola STL.

46/5457/13/I **04/10/2013** — Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn infurmaw lill-Kunsill li t-talba ghal 2 bozoz godda fi Triq Tunis giet meqjusa gustifikata u talbu nimlew il-formola STL.

46/5458/13/I **04/10/2013** — Email minghand il-Korporazzjoni Enemalta fejn infurmaw lill-Kunsill li t-talba ghal caqlieq ta' 2 bozoz fi Triq Tunis giet meqjusa gustifikata u talbu nimlew il-formola STL.

2.12. B'referenza ghall-**Minuti 12/K7/2013 item 6.55** u ghall-korrispondenza numri **46/5420/13/I, 46/5457/13/I u 46/5458/13/I** fejn is-Sindku Dean Hili kien irrimarka li dwar Triq Tunis il-Kunsill ghadu qed jistenna pjanti emendati ta' fejn approvaw il-lampi u kien ippropona li appena l-Kunsill jircievi l-pjanti, l-Kunsill ghandu jitlob stima lill-kuntrattur, is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill ghadu qed jistenna minghand il-Korporazzjoni Enemalta.

46/5553/13/I **09/10/2013** — Email minghand Dr. Anthony Cassar fejn b'referenza ghall-iskrittura li ghandu fuq Pembroke Barracks fejn qed jitlob il-hlas €2,500 nforma lill-Kunsill li x-xewqa tal-familja tieghu hi li din tibqa' Malta.

2.13. B'referenza ghall-**Minuti 12/K7/2013 item 6.68** u ghall-korrispondenza numru **46/5553/13/I** fejn is-Sindku Dean Hili kien talab li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-prezenza tal-membri kollha tal-Kunsill, is-Sindku Dean Hili ppropona li din l-

iskrittura m'ghandiex tinxtara mill-Kunsill peress illi, ghad li ghandha valur storiku ghal-lokalita' taghna, il-Kunsill m'ghandux il-post adegwat sabiex tinzamm din l-iskrittura fiha. Il-kelliem irrimarka ukoll li barra minn dan, din hija spiza konsiderevoli li jkun aktar xieraq li l-flus jigu wzata ghal skopijiet li jilhqu ahjar l-aspettattivi tar-residenti tal-lokal.

2.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5607/13/I **10/10/2013** Email minghand Mater Dei Hospital fejn informaw lill-Kunsill b'sessjonijiet dwar basic first aid li jixtiequ jaghmlu gewwa l-Kunsill Lokali ghall-prezz ta' €100 kull sessjoni, fejn huma ser jikkaverjaw l-ispejjez ta' leaflets u l-prezentazzjonijiet. (One session €100 – max 20 persons)

2.16. B'referenza ghall-**Minuti 12/K7/2013 item 6.77** u ghall-korrispondenza numru **46/5607/13/**I fejn is-Sindku Dean Hili kien ippropona li l-Kunsill jorganizza din l-attivita', is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din ser issir nhar il-Gimgha 6 ta' Dicembru 2013 fis-6.00pm.

2.17. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jintrabat li jekk ma jkunx hemm konkorrenza ta' aktar minn 15-il persuna, din l-attivita' ma ssirx, la darba l-Kunsill kien ser ihallas ghaliha.

2.18. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

2.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5618/13/I **11/10/2013** Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu kopja ta' email li rcievew minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Presidenza UE 2017 rigward Med programmes u li dawn is-sejhiet jaghlqu fl-10 ta' Jannar 2014.

2.20. B'referenza ghall-**Minuti 12/K7/2013 item 6.87** u ghall-korrispondenza numru **46/5618/13/I** fejn is-Sindku Dean Hili kien talab il-kummenti tal-Kunsillier Mark Causon, il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li s'issa ghad m'hemmx data indikata mill-JTS sabiex issir il-laqgha preparatorja ghall-partners.

2.21. B'referenza ghall-**Minuti 12/K7/2013 item 8.04** fejn il-Kunsillier Mark Causon kien ippropona attivita' ghat-tfal ta' l-iskola biex fi zmien il-Milied jippreparaw christmas decorations biex jitwahhlu ma' Christmas tree li ser ihawwel il-Kunsill u wara ssir attivita' fil-parkegg tal-Kunsill, il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li proposta ghall-progett li kien qed jahdem fuqha ghall-fondi ta' l-EU, ma giex approvat.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K7/2013.

3.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 13/K7/2013 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsilliera Mark Causon u Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

3.04. Il-mozzjoni ghaddiet.

3.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat l’ivvutat kontra minhabba li hija kienet diga nfurmat lill-Kunsill li ma setghetx tkun prezenti minhabba mpenji ohra.

3.06. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li din saret l-Erbgha minhabba li kien hemm restrizzjonijiet biz-zmien sabiex jinhatar l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh apparti li meta hija kienet infurmat lill-Kunsill li kellha xi appuntament fuq it-TV, hija kienet irrimarkat li dan kien fit-8.30pm, meta l-laqgha li damet biss ftit minuti kienet skedata ghall-5.30pm.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K7/2013.

4.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 05. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 092/2013** - Bord ta' l-Ghazla ghall-Kwotazzjoni 17/2013 **(Ara Dok A); Memo 093/2013** - Kwotazzjoni ghall-stickers A4 **(Ara Dok B); Memo 094/2013** - Rapport tal-ftuh ta' Kwotazzjoni 18/2013 **(Ara Dok C); Memo 095/2013** - Laqgha mar-residenti dwar il-progett ta' Villa Rosa (2) **(Ara Dok D); Memo 096/2013** - Laqgha mal-kuntrattur Philip Seguna **(Ara Dok E); Memo 097/2013** - Lista ta' laqghat li saru 12/K7/13 u 14/K7/13 **(Ara Dok F) u Memo 098/2013** - Lista ta' ilmenti li gew ipprezentata fil-laqgha 14/K7/13 **(Ara Dok G).**

5.02. B’referenza ghall-Internal Memo 096/2013, is-Sindku Dean Hili ppropona li abbazi ta’ dak diskuss fil-laqgha precedenti kif ukoll ghal-laqgha li saret mal-kuntrattur Philip Seguna fil-jiem li ghaddew, il-kuntrattur ghandu jintalab jassigura l-iskips b’tali mod li ma jistghux jiccaqilqu minn posthom u li l-hlas ta’ skips ghax-xahar ta’ Ottubru ghandu jsir xorta wahda peress li l-iskart ingabar xorta. Il-kuntrattur ghandu jintalab inehhi dettalji li hemm bl-ispray minn fuq l-iskips u minflok ghandha ssir tabella / sticker pulita ma’ kull skip. Finalment ippropona li l-kuntrattur ghandu jintalab li jkollu ta’ l-anqas skip wahda riserva ghal dak li jista’ jinqala’.

5.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 5.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-23 ta’ Ottubru u t-12 ta’ Novembru 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

46/5827/13/I **22/10/2013** Email minghand ir-Ramblers Association of Malta fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-laqgha li saret maghhom u talbu konferma jekk il-Kunsill irceviex ir-ritratti li baghtu.

8.02. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5827/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb izur is-sit indikat u jintalab parir minghand is-sur Denis Darmanin sabiex naraw x’valur storiku ghandha l-istruttura ndikata.

8.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5851/13/I **23/10/2013** Kwotazzjoni minghand Koptaco ghal servizz ta' trasport minn Pembroke ghall-Mellieha u lura ghall-prezz ta' €70 + VAT.

46/6105/13/I **02/11/2013** Kwotazzjoni minghand Zarb Coaches ghal servizz ta' trasport minn Pembroke ghall-Mellieha u lura ghall-prezz ta' €68 + VAT.

8.05. B’referenza ghall-korrispondenza numri **46/5851/13/I u 46/6105/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta’ Zarb Coaches abbazi li l-offerta taghhom hija aktar vantagguza.

8.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/5858/13/I **23/10/2013** Email minghand il-Contracts Manager fejn b’referenza ghas-sigar li gabu mill-Ex Forum qed jghid illi hemm xi sigar taz-znuber li qed jarmu bil-mod il-mod pero il-maggoranza tas-sigar kemm taz-znuber, kemm tal-fikus kif ukoll ir-rand nixfu u ilhom zmien b’zokk biss.

8.08. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5858/13/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill kien konxju li dawn huma ta’ riskju u li kien hemm il-possibilita` li dawn ma jsalvawx. Ghalhekk irrakkomanda li l-Kunsill ghandu jkompli jitlob l-intervent tal-MEPA sabiex jekk huwa possibbli jivverifikaw jekk il-mizuri li talab il-Kunsill gewx esegwita mill-kuntrattur ikkoncernat ghat-tisqija ta’ dawn is-sigar sabiex inkunu koperti.

8.09. Il-Kunsillier Mark Causon offra li jaghmel spezzjoni tal-post u jirraporta lura lill-Kunsill.

46/5859/13/I **23/10/2013** Email minghand Ms. Gabriella Ciliberti fejn informat lill-Kunsill bil-kontravenzjoni li qalghet minhabba l'ipparkjat fuq double yellow line fejn l-iskola St. Catherine’s u talbet sabiex isiru tabelli ta' no entry for heavy vehicles fl-ahhar ta' Triq Suffolk u ANZAC sabiex vetturi kbar ma jghaddux bejn is-13.30 u s-14.00.

8.10. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/5859/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jikkomunika ma’ l-iskola St. Catherine’s High School, St. Michael School u l-Kullegg Santa Klara Skola Primarja Pembroke sabiex jigu spjegati d-diffikultajiet tal-Kunsill dwar l-infurzar u r-regolamenti tat-traffiku.

8.11. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/5947/13/I **25/10/2013** | Kwotazzjoni minghand l-Abbey ghal stickers ta' No Parking b'diversi prezzijiet. |
| 46/5948/13/I **25/10/2013** | Kwotazzjoni minghand Print Art ghal stickers ta' No Parking b'diversi prezzijiet. |
| 46/5950/13/I **25/10/2013** | Kwotazzjoni minghand Gutenberg ghal stickers ta' No Parking b'diversi prezzijiet. |
| 46/5991/13/I **28/10/2013** | Kwotazzjoni minghand Clear Print ghal stickers ta' No Parking b'diversi prezzijiet. |

8.13. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/5947/13/I, 46/5948/13/I, 46/5950/13/I u 46/5991/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza ser tigi diskussa aktar il-quddiem.

| | |
|---|---|
| 46/5949/13/I **25/10/2013** | Memo 25/2013 - Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014, fejn l-ewwel sejha taghlaq fit-13 ta' Novembru 2013 filwaqt li t-tieni sejha taghlaq fid-29 ta' Novembru 2013. |
| 46/5985/13/O **28/10/2013** | Email mibghuta lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghal Memo 25/2013 dwar l-iskema inizjattivi t'attivitajiet 2013-2014 minhabba li zmien huwa limitat tlabna sabiex jibghatu l-proposti dettaljati. |

8.14. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/5949/13/I u 46/5985/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jippartecipax f'din l-iskema peress li r-rizorsi tal-lokalita` huma limitati wisq biex tigi mhejjija attivita` tal-massa fuq l-iskala rikjesta mill-Gvern.

8.15. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6045/13/O **30/10/2013** | Email mibghuta lill-Membri tal-Kunsill fejn gew mistoqsija kif ser jinqasmu l-punti ta' l-aggudikar fuq it-tender ta' road markings u t-tender ta' l-insurance cover. |

8.17. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6045/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika d-direzzjoni tal-Kunsill li t-Tender dwar Road Markings ikun aggudikat - Prezz 80%, Esperjenza 10% u Rizorsi 10% filwaqt li t-Tender dwar l-Insurance - Prezz 70% u Esperjenza 30%.

8.18. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| 46/6054/13/I **30/10/2013** | Email minghand l-Agenzija Zghazagh fejn informat lill-Kunsill li qed iniedu l-hames edizzjoni tal-progett Kunsilli Lokali Zghazagh u nformaw lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet ghandhom jintbaghtu sa nofsinhar tad-29 ta' Novembru 2013. |

8.20. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6054/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japplika biex jippartecipa filwaqt li tinhareg cirkolari biex il-Kunsill jesplora x'interess hemm fil-lokal.

8.21. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6196/13/O **07/11/2013** Email li s-Segretarju Ezekuttiv baghat lill-membri tal-Kunsill dwar il-laqgha li saret mal-Perit Kevin Fsadni u l-Avukat Noel Camilleri dwar l-Appell kontra l-izvilupp tal-picnic area.

8.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6196/13/O** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill li (1) Jitlob devoluzzjoni ta' l-art lid-Dipartiment ta' l-Artijiet fejn jigi elenkat il-progett li qed jigi diskuss mal-Korporazzjoni Enemalta; (2) L-Avukat u l-Perit jikkomunikaw bejniethom sabiex jippreparaw draft ta' l-appell sabiex appena l-Kunsill jigi notifikat ufficjalment bid-decizjoni tal-hrug tal-permess, il-Kunsill ikun jista' jissottometti l-appell, u (3) Il-Kunsill jiffinanzja li jsiru vizwali ta' l-impatt vizwali li l-progett propost ser ikollu fuq is-sit, liema vizwali jkunu jistghu jintuzaw ghal mizuri ohra li jista' jiehu l-Kunsill fosthom ezempju Konferenza Stampa fuq il-post qabel jinstema' l-appell.

8.24. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6220/13/I **08/11/2013** Email minghand Lilya Adjabi (studenta Franciza), titlob li taghmel work placement mal-Kunsill bejn il-5 ta' Mejju u l-5 ta' Lulju 2014.

46/6238/13/I **11/11/2013** Email minghand Sylvain Staes (studenta Franciza), titlob li taghmel work placement mal-Kunsill bejn il-5 ta' Mejju u l-5 ta' Lulju 2014.

8.26. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/6220/13/I u 46/6238/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova dawn iz-zewg talbiet.

8.27. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

46/6285/13/I **12/11/2013** Email minghand is-sur Miguel Mazzitelli jitlob li jaghmel 20 siegha xoghol volontarju mal-Kunsill bhala parti mill-progett skolastiku tieghu.

8.29. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/6285/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

8.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Dean Hili ippropona l'issir attivita' fi zmien il-Milied fejn genituri jkunu jistghu jiddepozitaw rigali fil-Kunsill li wara jitqassmu permezz tal-Father Christmas fid-djar taghhom nhar it-Tnejn 23 ta' Dicembru 2013 permezz tat-train. Il-kelliem ippropona wkoll li tintalab kontribuzzjoni ta' €1.00 ghal kull rigal sabiex jigu koperti ftit mill-ispejjez li tinvolvi l-attivita`.

10.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li fil-gimgha ta' qabel il-Milied (prefebilment il-gimgha 20/12/13 fis-6.30pm), fis-sala tal-kappillan, il-Kunsill jorganizza attivita' ghall-anzjani. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill ghandu jitlob sponsors ghal din l-attivita'.

10.05. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Kwotazzjoni 18 u 19/2013.

12.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

12.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.04. Il-laqgha giet sospiza fit-8.55pm.***

***12.05. Il-laqgha tkompliet fid-9.15pm.***

12.06. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-offerta **18/2013 – Christmas Street Decorative Lighting** ghandha tinghata lill-kumpanija **Daniele Armeni** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

12.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda u zied li dawn ghandhom jixghelu bejn 08/12/2013 u 06/01/2014.

12.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.09. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-offerta **19/2013 – A4 No Parking Stickers** ghandha tinghata lill-kumpanija **Abbey Pre Press (PVC : Qty. 500)** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

12.10. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda u zied li dawn ghandhom jinbieghu ghall-prezz ta' €1.00 il-wahda.

12.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Approvazzjoni tal-kontijiet.

13.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. H u I)**

13.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet kollha kif ipprezentata, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr dawk tal-Koptasin sakemm jigu vverifikati mill-CM.

13.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Materji ohra.

14.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja ta' tabelli tad-direzzjoni li ser isiru fl-akwati ta' St. Patrick's. **(Ara Dok J u K)**

14.02. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien wasal iz-zmien li jergghu jigu ordnati kotba ta' l-ircevuti li jkunu triplikati.

14.03. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jigbor il-kwotazzjonijiet li hemm bzonn.

14.04. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.06. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jordna tabella quddiem id-dhul tal-picnic area minn Triq Normandy li tindika li ma jistax isir parking fil-hinijiet ta' filghodu bejn l-10.00am u s-2.00pm biex ikunu jistghu jidhlu l-vetturi tat-tindif.

14.07. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jingabru stimi ghall-kiri ta' mobile toilets biex jitpoggew fil-picnic area ta' Triq Normandy, fi tmiem il-gimgha bejn il-Gimgha filghaxija u t-Tnejn filghodu kif ukoll nhar ta' festi pubblici.

14.10. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.12. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jsir patching fi Triq Gabriele Henin, Triq Burma, Triq Tobruk, Triq Gioacchino Le Brun u xi toroq ohra, qabel ma tibda x-xita regolari. Il-kelliem stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex sa qabel nhar it-Tnejn ifornu lill-Kunsill dettalji ta' fejn jahsbu li hemm bzonn isir xoghol simili.

14.13. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat uriet id-dizapprovazzjoni taghha u ppropniet li l-Kunsill jikteb lill-Gvern Centrali dwar il-kaz ta' l-Australia Hall. Il-kelliema irrimarkat li qatt ma kellha titwaqqaf il-kawza bejn il-Gvern u l-Partit.

14.16. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.17. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Mark Causon ivvutaw kontra.

14.18. Il-mozzjoni m'ghaddietx.

14.19. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jikkomunika mal-PL sabiex il-Kunsill jinzamm infurmat bil-proposti futuri li hemm fuq l-Australia Hall u l'issir konsultazzjoni mal-Kunsill qabel tittiehed xi decizjoni.

14.20. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill joggezzjona li fil-lokal ikun hawn ambaxxata ciniza minhabba li ser tittiehed zona kbira fil-lokal, kif ukoll ser tohloq problema akbar tat-traffiku u ser thalli mpatt fuq il-hajja tar-residenti.

14.23. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.24. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li s-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillier Mark Causon ivvutaw kontra.

14.25. Il-mozzjoni m'ghaddietx.

14.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex isiru lezzjonijiet tal-Malti fit-Tieni Livell.

14.27. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tkun infurmata meta ghandu jittiehed il-vacation leave u meta s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg johrog mill-ufficcju.

14.30. Il-membri tal-Kunsill li kienu prezenti, jigifieri s-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare ma qablux ma din it-talba minhabba l-fatt li l-vacation leave tas-Segretarju Ezekuttiv qed diga ikun elenkat fuq il-kalendarju li jkun iccirkolat lill-membri kollha tal-Kunsill kull gimgha, kif ukoll minhabba li kull assenza minn fuq il-post tax-xoghol qed ikun mgharraf biha s-Sindku u ssir wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tieghu.

14.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM sabiex isir double yellow line ta' 1 metru fuq kull naha tal-garaxx taghha fi Triq Dun Amabile Sisner. Dan minhabba li qed issib problemi biex ikollha access liberu mill-istess garaxx.

14.32. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.34. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fl-10.55pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru 2013 fil-5.30pm u tkun l-ahhar wahda ghas-sena 2013.

| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |